**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 13 ta' Jannar 2021**

**Rikors nru: 424/2020 AGV ;**

**AB**

**vs**

**CDB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB datat 18 ta' Dicembru 2020, fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat;**

1. Illi l-partijiet zzewwgu fid- 9 ta' Awwissu 1986, (kopja tac-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. JF1).
2. Illi l-partijiet ghadhom zewgt itfal ossija EFB (data tat-twelid 14 ta' Mejju 1992, u ghalhekk llum hija maggoreni) u GHB (data tat-twlelid 7 ta' April

2004, li ghadu minorenni) ahwa B (kopja tac-certifikati tat-twelid taghhom annessi u mmarkati Dok JF 2 u JF 3).

**3.** Illi permezz ta' kuntratt datat 30 ta Awwissu 2011 fl-atti tan-nutar Sam Abela, sehhet firda personali bejn il-partijiet u giet tterminata u likwidata il-komjunoni tal-akkwisti ezisenti bejn il-partijiet (kopji legali annessa u mmarata Dok JF 4).

**4.** Illi skont l-imsemmi kuntratt ta' seperazzjoni ma hemm ebda manteniment dovut mir-rikorrenti lill-intimat ghalhekk la jista' jkun hemm u lanqas ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti mir-rikorrenti lil-intimat.

**5.** Illi ghaddew 'l fuq minn 4 snin mid-data tas-separazzjoni legali ma hemm ebda prospett regenevoli ghal rioknciljazzjoni bejn il-partijiet.

**6.** Illi ghalhekk jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-Ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil dina Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg taghhom li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-Ligi;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imhohli ghal daqshekk javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti rat li ir-rikorrenti pprezentat rikors fejn talbet li taghzel li tirriverti ghal kunjom xbubitha ossija I.

Il-Qorri rat li fis-seduta tat-Tlieta 13 ta' Jannar 2021 deher il-konvenut fejn iddikjara li m' ghandux oggezzjoni ghat-talbiet indikati mil-attrici fir-rikors taghha.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tilqa' it-talba tal-esponenti, li ghandha tirriverti lura ghal kunjomha qabel z-zwieg u cjoe' **I;**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**